2025/1284

27.6.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/1284

tas-26 ta' Ġunju 2025

li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-3 ta' Lulju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/354/PESK [1], li kompliet il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) mill-1 ta' Lulju 2013 'il quddiem.

(2) Fil-25 ta' Ġunju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1813 [2], li estendiet il-mandat tal-EUPOL COPPS sat-30 ta' Ġunju 2025.

(3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Marzu 2025, il-Kunsill Ewropew tenna li l-Unjoni Ewropea għadha impenjata bis-sħiħ għal paċi dejjiema u sostenibbli bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ stati u hija lesta li tikkontribwixxi għall-isforzi kollha lejn dik is-soluzzjoni, u appella lill-partijiet kollha biex iżommu lura minn azzjonijiet li jimminaw il-vijabbiltà tagħha. Il-Kunsill Ewropew iddikjara wkoll li l-Unjoni ser tkompli taħdem mas-sħab reġjonali u internazzjonali għal dak l-għan u ser tkompli tappoġġa lill-Awtorità Palestinjana u l-aġenda ta' riforma tagħha.

(4) Fit-30 ta' April 2025, fil-kuntest tar-rieżami strateġiku koordinat tal-EUPOL COPPS u tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah), il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel li l-mandati taż-żewġ missjonijiet jenħtieġ li jiġu estiżi sat-30 ta' Ġunju 2027.

(5) B'kont meħud tal-informazzjoni pprovduta minn Iżrael u l-Awtorità Palestinjana, jenħtieġ li l-EUPOL COPPS tiġi estiża b'sena.

(6) Għalhekk id-Deċiżjoni 2013/354/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(7) L-EUPOL COPPS ser titwettaq fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' tfixkel il-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2013/354/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 12(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta ma' EUPOL COPPS għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026 għandu jkun ta' EUR 13 315 915,25.";

(2) fl-Artikolu 15, it-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandha tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2026.".

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/354/PESK tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (ĠU L 185, 4.7.2013, p. 12, ELI: http://data.europ a.eu/eli/dec/2013/354/oj).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1813 tal-25 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (ĠU L, 2024/1813, 26.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1813/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2025.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

A. SZŁAPKA